MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2005

Appell Kriminali Numru. 238/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur C. Abdilla)**

**Vs**

**Anthony Sacco**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-15 t'Ottubru, 2003 ghall-habta ta' 14.15 hrs waqt li kien gewwa Triq l-Iskola, San Gwann :**
**1) hebb kontra Sacco Sally Ann Chettina w kkagunalha offiza ta' natura hafifa, skond ma ccertfika Dr. D. Attard Montaldo mill-Gzira Health Centre;**
**2) fl-istess data, hin u lok ingurja u hedded lil Sacco Sally Ann Chettina bil-kliem.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-4 ta' Novembru, 2004, li biha, wara li rat l-artikoli 221(3)(b) u 339(1)(e) tal-Kap. 9, sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghall-piena ta' detenzjoni ghall-perjodu ta' gimgha ghal kull wahda miz-zewg imputazzjonijiet u dan ai termini ta' l-Art. 17(c) tal-Kap. 9.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-10 ta' Novembru, 2004, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka w thassar is-sentenza appellata billi tillibera l-appellant mill-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu w, minghajr pregudizzju fil-kaz li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza hawn fuq indikata, tirriforma l-piena ghal wahda aktar gusta w ekwa.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

Rat illi l-aggravji tal-appellanti fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti w cioe’ :- illi ma sarx apprezzament tajjeb tal-provi minhabba li kif hareg car mill-provi migjuba quddiem l-Ewwel Qorti l-appellant lanqas kien resaq lejn Sally Ann Sacco u lanqas biss kien kellimha qabel dan l-incident. Kienet Sally Ann Sacco li attakkat lill-appellant minghajr ebda provokazzjoni. Ir-ritratti juru daqqiet kbar fuq il-karozza tal-appellant kagjonati minn Sally Ann Sacco stess. Illi ebda wiehed mix-xhieda tal-prosekuzzjoni ma seta’ jikkonferma li l-appellant verament ta dawn id-daqqiet lil Sally Ann Sacco, hlief l-allegata vittma stess. Illi fl-aghar ipotesi ghall-appellant, hu kien iddefenda ruhu mill-attakki ta’ Sally Ann Sacco, jew inkellha kien hemm l-element ta’ eccess tal-legittima difeza. Illi bla pregudizzju, l-piena hija wahda esagerata w mhux ekwa ghar-reat li gie misjub hati w fic-cirkostanzi tal-kaz.

Semghet ix-xhieda mill-gdid fl-udjenza tas-6 ta’ Jannar, 2005.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat ;

Illi **Sally Ann Sacco** xehdet quddiem dil-Qorti li fid-data in kwistjoni, meta marret tigbor lit-tfal mill-iskola kienet giet segwita minn zewgha l-appellant u fil-fatt ratu pparkjat faccata tal-iskola w kellu l-"girl friend" fil-passenger seat. Kif ra lilha w lill-ommha nezlin, ghamel manuvra w mar warajha. Hi allura kellmet lill-Pulizija li kien ghassa mall-iskola w talbitu biex ikellem lill-appellant biex ihalliha bi kwietha, ghax kellu kaz iehor pendenti maghhom fuq swat li kien gara z-Zurrieq u kienu ghadhom imbezzghin minnu. Il-Pulizija mar ikellmu w hi sadattant marret tippikkja lit-tfal. Kif daret id-dawra halli tmur tippikkja lit-tifel u lill-ommha, ratu ghadu hemm. Waqfet tkellmu u staqsietu : "Kif ghadek hawn? Int suppost qieghed hawn?". L-appellant wegibha li hemm mhux taghha w li hu dejjem ghamel li ried u li kien alla bieb ….. u li ma kienx ser jiccaqlaq minn hemm. Hi fethet il-bieba biex tmur tghajjat lill-Pulizija w laqtet il-karozza tal-appellant u l-appellant nizel ghaliha w tghidx kemm taha minn got-tieqa w hi dak il-hin kienet gol-car taghha w l-appellant dahhal nofs gismu minn got-tieqa w girifha f'ghonqha w kellha hafna daqqiet fl-istonku ghax ipprova jaqbadha. Hi qabzet fuq il-*handbrake* ghal fuq il-passenger seat u kellha timbuttah il-barra biex issuq. Fuq wara kellha lit-tifla ta' erba snin. Saqet u marret tghid lill-Pulizija w ippikkjat lill-ommha minn-naha l-ohra. Mistoqsija mill-Qorti jekk gietx mhedda jew ingurjata, qalet li le.

Fil-kontroezami hi xehdet li kienet waqfet hdejn il-karozza tal-appellant u qaltlu "Ma intix ha tkompli tbezzghani imbilli ha tkompli tigri warajja." Pero' ma kienetx saqet *wrong way* biex ghamlet dan ghax hu kien f'nofs it-triq. Hi veru laqtet il-bieba tal-car tal-appellant pero' cahdet li ghamlet il-hsara kollha li tidher fil-fotografiji esebiti a fol. 11. Hi xi girfa jew *"dent"* biss ikkagunat fil-car tal-appellant u hi kellha *"dent"* fil-car taghha wkoll. Hi kienet harget mill-car biex taghmel sinjal lill-Pulizija li zewgha l-appellant kien

ghadu hemm. Hi ma kienet infliggiet ebda feriti fuqha nnifisha w ma girfitx ghonqha hi dak in-nhar.

**Maria Stella Abela,** omm ix-xhud precedenti, kkonfermat li l-appellant kienu sabuh fejn l-iskola fejn marru jigbru lit-tfal hi u bintha w li kienu qalu b'dan lill-Pulizija li kien fuq il-post, pero' l-incident ma ratux ghax hi marret ghat-tifel fil-waqt li bintha marret ghat-tifla f'parti ohra tal-iskola. Meta giet lura bintha kienet qaltilha li l-appellant kien sawwatha w ratilha grif u kienet qed tibki w t-tifla kienet imwerwra. Minn hemm marru l-Polyclinic. Dan il-grif li kien f'sidirha w taht ghonqha ma kienx hemm qabel kienu marru jgibu lit-tfal.

**WPC 166 Claire Amato** xehdet li dak in-nhar kienet pajzana w *"off duty"* qed tistenna lill-uliedha hergin mill-iskola w marret hdejha Sally Ann Sacco tibki kemm tiflah u meta staqsietha x'kien gralha, wegbitha "attakkani". Kellha ghonqha kollu grif u demm. Hi batitha l-ghassa taghmel rapport. L-incident ma ratux isir pero' qabel kienet rat lill-appellant isegwi lil martu fejn l-iskola w hi qaltlu "Hallini"! u baqghet niezla, izda l-appellant umbaghad gie minn-naha l-ohra. Hi mhux habiba ta' Sally Ann Sacco. Tafha biss ghax tkun qed tistenna lill-uliedha fl-istess skola.

**l-appellant** xehed li hu gieli jmur biex jara lill-uliedu hergin mill-iskola w xejn izjed. Hu kien ipparkjat sew u t-triq hemm hija *"one way".* Veru li martu kienet marret tkellem lill-Pulizija li kien *"on duty"* hemm u dan kien mar hdejh u qallu biex aktar tard imur l-ghassa. Meta kien staqsieh jekk kienx qed jaghmel xi haga hazina, il-Pulizija kien wiegbu "xejn minn dan". La dak in-nhar u qatt ma gera warajha lil martu. Wara ftit giet omm il-mara w bdiet tghajjru *"loser"* u taghmel kummenti ohra u telqet. Wara giet Sally Ann Sacco bil-karozza rrankata "wrong side" u ma kienx hemm pied u nofs. Qabdet fethet il-bieba, daret patata lagenba u qabdet taghti l-bieba minn gewwa b'saqajha ghal gol-bieba tieghu w tghajjru *"loser"* u "tiffakkjani". Sadattant tela' jigri l-Pulizija w hi harbet tigri. Mistoqsija mill-Qorti kif allura martu spiccat feruta, l-appellant qal li mhux hu feriha. Hu ma messhiex u kellu t-

tieqa ftit imnizzla ghax kienet ftit tax-xita. Kien hemm divergenza dwar fejn kienu l-feriti ghax martu w ommha qalu l-grif kien fuq sidirha fil-waqt li l-*policewoman* qalet li kellha grif fuq ghonqha w fuq spallejha. Hu ma kienx hareg mill-karozza tieghu w ma kienx hemm minn fejn johrog minn gol-car u x'hin telqet hi minn gol-karozza taghha hareg bott Sheltox jew ta' xi *"spray"* tan-nisa. Mistoqsi kif ingirfet, qal li ma jafx. Huma ma kienux gew f'kuntatt ma xulxin. Il-hsara fil-karozza tieghu ma kienetx hemm qabel u l-kulur tal-hsara jaqbel mall-kulur tal-car ta' martu. Bix-xewka tal-bieba taghha laqtitu.

Ikkonsidrat ;

Illi mix-xhieda tal-istess Sally Ann Sacco quddiem din il-Qorti hija eskluza l-htija dwar it-tieni imputazzjoni ta' ingurja w theddid w ghalhekk f'dar-rigward l-appell hu gustifikat ghax din l-akkuza bl-ebda mod ma tirrizulta pruvata.

Dwar l-ewwel imputazzjoni pero' ghalkemm hemm konflitt dwar x'gara ezatt u l-unici zewg xhieda li raw l-incident huma proprju l-konjugi Sacco u hadd aktar, din il-Qorti ttendi – bhall-Ewwel Qorti – li taccetta l-versjoni ta' Sally Ann Sacco li l-appellant verament kien refa' idejh fuqha w ikkagunalha grif f'ghonqha li jikkostitwixxu offiza ta' natura hafifa. Di fatti rrizulta li qabel l-incident Sally Ann Sacco ma kellha xejn u immedjetament wara WPC Amato – xhud indipendenti – ratilha l-grif u d-demm f'ghonqha. Ma rrizultax li dan il-grif kien "self inflicted" u lanqas l-appellant ma sostna dan meta ppressat minn din il-Qorti biex jispjega kif gie dal-grif. Ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li logikament u legittimament taghmel l-apprezzament tal-provi li ghamlet fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni. Konsegwentement dan l-appell dwar din l-ewwel imputazzjoni qed jigi michud.

Lanqas ma hu l-kaz li l-appellant kien qed jiddefendi lilu nnifsu jew ta' eccess ta' legittima difeza kif ipprospetta l-appellant ghaliex f'ebda hin ma rrizulta li hu kien qed jiffaccja xi minaccja ta' aggressjoni gravi, inevitabbli w attwali li kienet tinnecessita li hu jahbat ghall-martu. Jekk

stess l-agir ta’ martu kien intenzjonali, dan kien delitt kontra l-proprjeta’ tal-appellant li ma jatix lok ghad-difiza tal-legittima difeza. Ghalhekk anki dan l-aggravju hu infondat.

Illi ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena gie dejjem ritenut li l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi w ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. David Vella”** [14.6.1999], **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs Eleno sive Lino Bezzina”** [24.4.2003] u ohrajn).

F’dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi skond l-artikolu 221 (b)(3) tal-Kap. 9, il-piena ghar-reat ta’ offiza ta’ natura hafifa w ta’ importanza zghira mhux kagjonata b’arma regolari inkella bi strument li jaqta’ jew iniggez hi dik tal-kontravvenzjonijiet u wahda mill-pieni li jistghu jinghataw ghall-kontravvenzjonijiet skond l-artikolu 7 (2)(a) tal-Kap. 9 hija proprju d-detenzjoni w skond l-artikolu 12 (1), meta ma jkunx xort’ohra specifikatament provvdut, ebda zmien ta’ detenzjoni ma ghandu jkun izjed minn xaharejn. Ghalhekk piena ta’ gimgha detenzjoni zgur li mhux legalment eccessiva.

Illi umbaghad kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta mill-Prim Imhallef Dr. V. De Gaetano fil-kawza **“Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi” [30.7.2004]**:-

“….. bhala regola, meta si tratta ta’ vjolenza fuq il-persuna, l-piena ghandha tkun dejjem dik ta’ prigunerija <u>b’effett immedjat.</u> Il-Qrati ta’ Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu minn ta’ quddiem biex b’mod deciziv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi zventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruhha f’xi forma ta’ vjolenza fizika”.

**(Ara ukoll** “Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Domenic Bonnici” **(App. Krim. [11.11.2004]) u** “Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Anthony Joseph Portelli et” **(App. Krim. [3.2.2005]).**

**Inoltre, anki jekk in parti jekk mhux ghal kollox l-incident seta’ gie provokat mill-istess vittma Sally Ann Sacco li indubbjament u “ex admissis” kienet hi li waqfet magemb il-karozza ta’ zewgha biex tiehu sodisfazzjoni ghax kien qed isegwiha w ghamlet xi hsara fil-bieba tal-car tal-appellant – anki jekk mhux il-hsara kollha li tidher fil-fotografija esebita – kif jirrizulta mill-fedina penali tal-appellant, din mhux l-ewwel darba li l-appellant instab hati li refa’ idejh fuq martu w kkagunalha griehi ta’ natura hafifa w ghalhekk il-piena restrittiva tal-liberta’ mposta mill-Ewwel Qorti kienet ben indikata f’dan il-kaz u konsegwentement dan l-aggravju mhux gustifikat.**

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tilqa’ l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi, fil-waqt li tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni w kkundannatu ghall-piena ta’ detenzjoni ghall-perjodu ta’ gimgha, tirrevokaha in kwantu sabitu hati wkoll tat-tieni imputazzjoni kif ukoll in kwantu kkundannatu ghall-piena ta’ gimgha detenzjoni fuq din it-tieni imputazzjoni w, minflok, tilliberah minn din l-imputazzjoni w l-piena relattiva.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------